**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Arnold Farrugia detentur tal-karta ta' l-identita' numru 471569M**

***Kumpilazzjoni Nru. 1226/2012***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Arnold Farrugia u ċioè talli:

> F'Novembru, 2012, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, sar kompliċi fir-reat ta' frodi magħmula minn Martin Degabriele detentur tal-karta tal-identità numu 226254M, billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment tas-soċjetà Gasan Enterprises Limited ai termini tal-artikoli 42, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta xhieda falza f'materja ċivili jew għamel affidvit falz waqt li kien jaf li dak l-affidavit kien meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta, ai termini tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess data, lok u ċirkostanzi ħalef falz quddiem uffiċjal li kellu s-setgħa bil-ligi li jagħti l-ġurament, ai termini tal-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih nnifsu jew għal ħadideħor, f'dokument maħsub għal awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, ai termini tal-artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

Sar reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 23.01.2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 20 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, bara li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tapplika l-provvediment ta-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, torda lill-imputat sabiex iħallas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-2 ta' Jannar, 2015,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 43(d), 44, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 188(2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
(v) Fl-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
(vi) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol.70

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2012 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-25 ta' Frar, 2016.

Illi xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** u spjega li kien rcieva kwerela minghand Gasan Enterprises Limited[2] fejn gie rikjest li jittiehdu passi kontra l-imputat fuq frodi u tehid ta' gurament falz. Dan kien ghaliex sar affidavit mill-imputat ghal xoghol li ppresta lil certu Martin Degabriele fejn inghad li ta s-servizzi tieghu lil Degabriele, billi ghamel vjaggi b'minibus, li kienu jiswew €26,545.08 liema ammont kien suspettat li kien inveritjier.[3] Dwar l-istqarrija li ttiehdet lill-imputat jghid *"Jien kont bghatt ghall-imputat sussegwentement fejn wara li tajtu s-solita twissija kien irrinunzja li jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel l-interrogatorju. Kien irrilaxxa stqarrija fejn bazikament kien ammetta li ghalkemm kien ghamel xi vjaggi lil Martin Degabriele l-ammont li kien thallas ma kienx daqshekk pero kien ta' xi madwar tmint elef Euro...... qalli li ma riedtx jitla' l-Qorti biex jikkonferma dak taht gurament ghax ma kinitx il-verita', l-imputat ma riedtx jikkonfermah pero dan Degabriele baqa' jinsisti mieghu biex imur jitla' jikkonfermah, filfatt ma jidhirlix li kien tela' jixhed jien, sa dakinhar li kellimtu ma kienx tela' jixhed biex jikkonferma dak l-affidavit."*[4]

Illi **Dr. Louis Bianchi** in rapprezentanza ta' Gasan Enterprises Limited xehed li f'kawza li saret kontra is-socjeta` kummercjali msemmija minn certu Martin Degabriele kienet qed tintalab is-somma ta' madwar €22,000 ghal kiri ta' vann liema kirja saret minghand l-imputat. Kemm

---

[2] **Dok. MC1** a fol. 19
[3] Fol.22
[4] Fol.23

Degabriele kif ukoll Farrugia ghamlu affidavit f'dan is-sens.[5] *"Wara certu zmien irrizulta fil-kawza civili u mill-istatement li ghamel Arnold Farrugia li kien kera xi van fl-istatement tieghu imma l-ammont kien sostanzjalment inqas, kien fl-akkwati ta' sitta jew sebat elef Euro u mhux tnejn u ghoxrin elf u ghalhekk qed isiru dawn il-proceduri, talli ghamel affidavit fejn ha gurament falz."*[6]

Riprodott Dr. Bianchi jikkonferma li ghalkemm l-imputat ta x-xhieda tieghu fil-proceduri civili msemmija fi Frar, 2017, kienu saru diversi tentattivi mill-imputat ferm qabel il-jum li fih tela' jixhed.[7] Jirrizulta li meta xehed Farrugia kien fl-istadju ta' provi tas-socjeta` konvenuta: *"Jiena lis-sur Farrugia qatt ma kont kellimtu hlief recentement iddecidejt li ntellghu bhala xhud u rrizulta mix-xhieda tieghu illi dan l-affidavit kien gie miktub minn third parties u speci ta qalulu "dan ikkonfermah bil-gurament" u qalulu illi m'ghandux ghalfejn jinkwieta ruhu. Dawn huma l-fatti. Fil-fatt ma kienux il-fatti. He was mislead ha nghid hekk u daqshekk sur Magistrat..... veru li hu kien kera karozza imma l-ammont kien sostanzjarjament inqas minn dak li dahhal fl-affidavit."*[8] Ix-xhud ikkonferma in vista tax-xhieda tal-imputat fil-proceduri civili, s-socjeta` kwerelanti ma kienx fadalha aktar interess fil-proceduri penali.[9]

Illi fl-affidavit,[10] li ghalkemm ma gietx prodotta kopja awtentikata skond il-ligi,[11] issir ammissjoni dwar l-istess affidavit fl-istqarrija kif ukoll fix-

---

5 Fol.16

6 Fol.17

7 Fol.92

8 Fol.90

9 Fol.107

10 **Dok. MC2** a fol. 21

11 *"Illi ai termini ta'l-artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (rez applikabbli ghall-proceduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali) kopja ta' att gudizzjarju titqies bhala awtentika u konsegwentment tista' tingieb bhala prova jekk maghmula fil-forma li trid il-Ligi mill-ufficjal li ghandu huwa merfugh l-original. Illi huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq l-ahjar prova. B'applikazzjoni ta' dan il-principju u tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq kwotati, kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti [Fil-kaz ta' atti gudizjarji l-persuna kompetenti huwa r-Registratur tal-Qorti ghaliex, fit-termini ta'l-artikolu 636 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti gudizjarji originali huma merfugha ghandu] , altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta'l-ahjar prova. Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Concetta Charles [Deciza 27.07.2012] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:*

xhieda tal-imputat fil-proceduri civili, liema xhieda pero` hi debitament awtentikata u pprezentata in atti, jinghad: *"Niftakar li kont bdejt bix-xoghol ma Martin fis-7 ta' Frar, 2009 u kont bqajt sejjer inlahhaqlu l-vjaggi sat-2 ta' Lulju, 2009. B'kollox Martin kellu jtini s-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u hamsa u erbghin ewro u tmien cenetzmi tal-ewro (EUR 26,545.08)."*

Illi mill-istqarrija tal-imputat, fejn mhemmx dubbju li kkowopera bis-shih mal-Pulizija, **jirrizulta bic-cjar li l-imputat altru li kien konsapevoli dwar l-intenzjoni ta' Degabriele u konsapevolment u konxjezzozament ghenu w assistieh meta halef il-falz f'affidavit li kien gie preparat mill-istess Degabriele sabiex jintuza fi proceduri civili**. Id-dokumentazzjoni esebita turi li sussegwentement ghall-ghemil ta' dan l-affidavit gew istitwiti proceduri civili kontra l-parte leza, Gasan Enterprises Limited. [12]

Fil-fatt wara li jammetti li kien minnu li ta s-servizzji tieghu lil Martin Degabriele ***"zgur li ma ghamiltx dawk il-vjaggi kollha li jidhru fl-affidavit****.... Le mhux veru u nghid li jien nikkalkula li ghamilt madwar €8,200 u nghid li minn dawn it-€8,200 sallum il-gurnata Martin Degabriele baqalu jhallasni s-somma ta' madwar €6,200.....Jien* ***mill-ewwel indunnajt li ma kontx qed naqbel mal-ammonti tal-flus li kitbu fuq l-affidavit ghaliex kont naf li bejn wiehed u iehor kont ghamilt madwar €8,200 x'jiswa fi vjaggi****."*[13] L-imputat zied jispjega li l-affidavit kien intalab jaghmlu minn Degabriele u li r-rendikont tal-vjaggi kien jinsab fi ktejjeb li kien inghata lil Degabriele u li ghalkemm intalab jirritornah lill-imputat dan baqa' ma ghamlux u qallu biex jimxi mal-affidavit.[14] Spjega li talbu ghal dan l-affidavit peress li Gasan ma riedux ihallsuh (lil Degabriele) ta' xoghol li tilef meta l-minibus tieghu kienet qed tissewwa ghandhom.

---

***Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.***
*Illi ghalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jistawx jinghtaw piz probatorju stante li mhumiex l-ahjar prova.":* Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke **Il-Pulizija vs Christian Demanuele**, Deciza 10 t'Awissu, 2017.

[12] **Dok. MC7** a fol. 44 et seq. prezentati minn Yvette Borg in rappreżentanza tad-Direttorat Registru Qrati Civili. Vide ukoll xhieda a fol.102 et seq mmarkata **Dok. EF.**

[13] Fol.26

[14] Ibid.

*M. Nghid sew li* ***inti*** ***<u>kont taf</u>*** ***li ma ghamiltx dawk l-ammont ta' vjaggi li jidhru fl-affidavit?***
*T.* ***Iva*** *imma hu baqa jinsisti li sar kollu dak ix-xoghol u qalli wkoll li hekk kif jithallas minghand Gasan <u>kien ser ihallas lili s-€6,200 li kien baqalu jhallasni</u>...*
*M. Dan Martin Degabriele kien qallek minn qabel bil-vjaggi zejda li nizzel fl-affidavit li ffrimajt?*
*T. Le qabel ma qalli xejn imma* ***jien mill-ewwel indunajt li kien hemm hafna aktar vjaggi minn dawk li kont ghamilt jien.*** *Imma dan Martin baqa jinsisti biex inhalli f'idu ghax kien jaf x'inhu jaghmel. Jien niftakar li kont ghedtlu biex ma jdahhalniex f'inkwiet ghax ma kelliex bzonnu. Imma* ***peress li kien weghdni li jhalassni dak kollu li kien dovut lili, jien mbaghad accetajt.***
***M. Igifieri inti qed tghid li meta mort il-Qorti biex tahlef il-korretezza tal-kontenut ta' dan l-affidavit, kont taf li ma kienx kollu veru, hux hekk?***
***T. Iva kont naf.***[15]

Fl-ahhar tal-istqarrija jiddikjara li ghalkemm intalab minn Degabriele diversi drabi biex jitla jixhed u jikkonferma l-affidavit fil-proceduri istitwiti kontra l-kwerelant, dan ma ghamlux *"ghaliex <u>jien mhiniex lest li nitla l-Qorti biex nixhed il-falz.</u> Jien lil Martin Degabriele ghidtlu hafna drabi biex isibli l-ktieb li kont tajtu biex nirrangaw il-figuri.".*[16]

Illi fix-xhieda li ta fil-proceduri civili in kwistjoni, Farrugia spjega kif intalab minn Degabriele biex jaghmel affidavit li kien ghamillu xi xoghol. Peress li kien minnu li ghamel xoghol ghalih ma sabx diffikulta jaghmel affidavit u ghalkemm meta marru ghand l-avukat hu ma kienx qara d-dokument *"**malli rajt l-ammont hawn, ghidtlu dak x'inhu qed narah hafna...Jiena rajtha sitta u ghoxrin elf, ghidtlu dak x'inhu?** U hu qalli le halli f'idi qalli l-ktieb ghandhi, ghax jien ghidtlu tini l-ktieb ha nara qalli le, le kollox sew hemm...Qalli issa mmorru l-Qorti u jien hallejt f'idu ghax jien anke l-ktieb kont intihulu.....U jien bhal speci emmint l-ammont ghax jien kont ilni nahdimlu imma mbghad meta bghat ghalija l-ispettur u beda jghidli le, le qalli int f'dawn l-erba xhur trid tara kemm hdimtu, ghidtlu jien ma nahsibx li hdimt dak l-ammont f'dawn l-erba xhur. Ghidtlu jien f'dak iz-zmien nahseb xi tmint elef u xi haga, ghidtlu imma l-ktieb mhix qieghed ghandhi u ma nafx.".*[17]

---

[15] Fol.26-27
[16] Fol.27
[17] **Dok. EF** a fol.101 et seq.

Illi hemm qabza konsiderevoli bejn l-ammont ta' €8,000 u dak ta' €26,000 u ghalhekk il-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija ghandha aktar mis-sewwa. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Prim Awla Farrugia jipprova jaghti l-impressjoni li ma kienx cert mill-ammont li kien dovut peress li Degabriele kellu l-ktieb bir-rendikont tal-vjaggi u ma kienx jaf li dak l-ammont kienu ghal 4 xhur biss peress li ma qarax l-affidavit minn qabel.[18] Izda fl-istqarrija hu kategoriku ghall-ahhar u jammetti li accetta li jaghmel dak l-affidavit meta kien jaf li ma kienx dovut €26,000 tant hu hekk li meta mistoqsi kienx jaf li ma kellux jiehu dak l-ammont kollu jiddikjara li Degabriele "***Iva*** *imma hu baqa jinsisti li sar kollu dak ix-xoghol u qalli wkoll li hekk kif jithallas minghand Gasan kien ser ihallas lili s*-***€6,200 li kien baqalu jhallasni***..."[19] Tant hu hekk li fl-istess xhieda jikkonferma li "***Jien mill-ewwel indunajt li ma kontx qed naqbel mal-ammonti tal-flus li kitbu fuq l-affidavit ghaliex kont naf li bejn wiehed u iehor kont ghamilt madwar €8,200***" [20]

Illi jmiss issa li jigu kkunsidrati l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat fejn jinghad mill-ewwel li fl-artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, ma giex indikat l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali filwaqt li ghal xi raguni gie indikat specifikatament l-artikolu 188(2) tal-Kodici meta mhemmx dubbju li l-affidavit, u cioe` id-dikjarazzjoni falza li jirreferi ghaliha l-artikolu 188, kien intiz ghal awtorita` pubblika – il-Qorti!

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni, dik ta' frodi issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) elenkat l-elementi rikjesti sabiex jissusisti dan ir-reat:[21]

Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).[22]

---

[18] Fol.105

[19] Fol.26

[20] Fol.104

[21] Deciza 15.12.2011 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke

[22] **Pulizija vs Carmela German**; Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji gie kunsidrat f'diversi sentenzi fosthom dik **il-Pulizija vs Charles Abela** fejn il-Qorti ghamet ezami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi u dak tal-approprijazzjoni idebita:[23]

Fi kliem Antolisei[24]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*[25].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*[26]

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[27]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-***

---

[23] Deciza 06.07.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[24] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

[25] Op. cit. pagna 357

[26] **Pulizija vs Emanuel Ellul;** Deciza 20.06.1997

[27] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza fit-2.03.2011

***artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri***

***biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa **"l'elemento del'danno patrimoniale"** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, <u>la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto</u>. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): **"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-<u>persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali</u> bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*** [emfazi tal-Qorti]

Ghalhekk il-fattispeci ta' dan il-kaz jinkwadraw perfettament fir-reat ta' ta' truffa. Mhemmx dubbju li sar affidavit biex jagevola kawza istitwita minn Degabriele, liema affidavit kien jikkontjeni fatti inveritjeri. Dan l-affidavit, kontenenti dikjarazzjoni nveritjera, serva ta' artifizju, ta' "***apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur***"[28], f'dan il-kaz Degabriele.

Fit-trattazzjoni tal-abbli difiza ssemma li f'dak il-kaz ma kien hemm ebda qliegh ghall-imputat u li a differenza mir-reat ta' approprijazzjoni indebita l-qliegh rrid ikun ghall-awtur u mhux anke ghal terz. Il-Qorti ma taqbilx li l-imputat ma kien ser jaghmel l-ebda qliegh bi hsara ta'

[28] Supra

haddiehor, u cioe` tas-socjeta kwerelanta, tant li fi kliemu stess fl-istqarrija minn tieghu ddikjara kif gej:

*M. Nghid sew li inti kont taf li ma ghamiltx dawk l-ammont ta' vjaggi li jidhru fl-affidavit?*
*T.* ***Iva*** *imma hu [Degabriele] baqa jinsisti li sar kollu dak ix-xoghol u qalli wkoll li* ***hekk kif jithallas minghand Gasan kien ser ihallas lili s-€6,200 li kien baqalu jhallasni...***
*M. Dan Martin Degabriele kien qallek minn qabel bil-vjaggi zejda li nizzel fl-affidavit li ffrimajt?*
*T. Le qabel ma qalli xejn imma jien mill-ewwel indunajt li kien hemm hafna aktar vjaggi minn dawk li kont ghamilt jien. Imma dan Martin baqa jinsisti biex inhalli f'idu ghax kien jaf x'inhu jaghmel. Jien niftakar li kont ghedtlu biex ma jdahhalniex f'inkwiet ghax ma kelliex bzonnu. Imma* ***peress li kien weghdni li jhallassni dak kollu li kien dovut lili, jien mbaghad accetajt.***

Il-Qorti ma jifdalla ebda dubbju li l-imputat kien konxxju tal-ingustizzja tal-profitt bi hsara tas-socjeta` kwerelanta, izda sabiex jassigura ruhu li jiehu l-hlas dovut minghand Degabriele, xjentement ghen u assistieh fl-att kriminuz intiz biex jiffroda lil Gasan Enterprises Ltd.

Illi jibqa' l-fatt li l-**frodi ma sehhx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imputat**, u cioe` minhabba li s-socjeta` kwerelanta intebhet bil-qerq li kien ser jigi perpetrat fil-konfront taghha u dlonk ghamlet kwerela hmistax wara li sar l-affidavit kontenenti d-dikjarazzjoni falza.[29] Id-difiza kkontendiet li Farrugia waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt ta' frodi izda kif intqal ir-reat prospettat bl-artikolu 106(3) tal-Kodici Kriminali, tenut kont li hu wiehed ta' natura formali, immaterjalizza malli gie mahluf l-att gudizzjarju u cioe` fit-12 ta' Lulju, 2012, u mhux sussegwentement meta, korrettament, ghazel li ma jikkonfermax l-att inveritjier fil-kawza civili, reat ravvizat bl-artikolu 106(1) tal-Kodici! Ghalhekk malli gie mahluf dak l-att gudizzjarju, immaterjalizza l-artifizju ntiz biex jinganna lill-parte leza.

Fil-fatt fis-sentenza citata mill-abbli difiza fit-trattazzjoni minn taghha, **Il-Pulizija vs Patrick Filletti u Enrico sive Henry Filletti,** fejn simili ghall-argumenti maghmula mid-difiza, f'dak il-kaz gie sottomess li malli saret

[29] L-affidavit sar fit-12 ta' Lulju, 2012 (fol.21) u l-kwerela fis-27 ta' Lulju, 2012 (fol.19)

ritrattazzjoni gie evitat dannu potenzjali mahluq permezz ta' gurament falz maghmul precedentement mill-imputati, gie deciz:

Din il-Qorti bir-rispett mhix konvinta minn dan kollu. Ir-reat in ezami huwa ovvjament **reat formali**. Gie **indubbjament kommess, bl-elementi kostituttivi tieghu kollha, appena l-imputati, wara li gie lilhom somministrat il-gurament,** ghamlu dikjarazzjoni falza lill-perit tekniku. Ir-ritrattazzjoni taghhom, aktar tard, ma ddisfatx il-fatt kostitwenti r-reat li kienu kkommetew, u ma naqqset ebda wiehed mill-elementi ta' dak ir-reat. Il-ligi ma tiddisponi xejn fis-sens tan-newtralizzazzjoni tar-reat f'kaz ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti frankament ma tara ebda differenza bejn li tghid li r-ritrattazzjoni tinnewtralizza r-reat tal-gurament falz bil-konsegwenti liberazzjoni ta' min ikun halef il-falz, u li tghid li rrestituzzjoni lil sidhom ta' l-oggetti misruqin
tinnewtralizza r-reat tas-serq bil-konsegwenti liberazzjoni tal-halliel.[30]

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ta' komplicita` fi frodi tirrizulta ampjament ippruvata izda biss in kwantu ghat-tentattativ tal-istess delitt.

Illi fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali gie indikat artikolu inezistenti u cioe` l-artikolu 43(d) tal-Kodici Kriminali. Madanakollu l-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli bl-artikolu 525(3) tal-Kodici, jimmilita favur sejbien ta' htija tal-imputat kif inghad u cioe` bhala komplici fit-tenattattiv ta' truffa.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif**:[31]

Li trid tara l-Qorti issa hu jekk dan il-fatt jinkwadrax ruhu taht din id-duttrina ta' "**retraction**". Jinghad mal-ewwel li ma hemm ebda dubju li din id-duttrina, ghalkemm ma tirrizultax daqstant cara mill-Kodici Kriminali, fil-prattika giet accettatha mill-Qrati taghna f'kazijiet ta'spergur. L-Artikolu 522 (1) tal-Kodici Kriminali jaghti s-setgha lill-Qorti sabiex fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn issewwa kull xhud li jhawwad fix-xhieda tieghu, dan billi twissih, twarrbu, eccetera. L-Artikolu 104 (3) tal-Kap. 9, moqri flimkien mal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 104, juri bic-car l-intenzjoni tal-legislatur li meta xhud jerga' lura mix-xhieda falza li jkun ta, b'mod li tali ritrattazzjoni tibbenfika xi persuna akkuzata u misjuba hatja in bazi tax-xhieda falza tieghu, u qabel ma tigi esegwita dik is-sentenza, allura tali ritrattazzjoni tibbenefika
wkoll lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu, dan ghal dak li jirrigwarda l-piena anqas li hu soggett ghaliha f'tali kaz a differenza tal-piena akbar soggett ghaliha meta jinstab hati ta' dak l-ispergur minghajr ma jkun reggha lura x-xhieda falza tieghu. Moqrija flimkien dawn iz-zewg Artikoli separati fil-Kodici Kriminali kjarament juru li l-legislatur ried jaghti l-opportunita' jew incentiv lix-xhud li xehed falz

[30] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 24.11.1992 per Onor. Imhallef Dr. Victor Caruana Colombo

[31] Citata fis-sentenzatal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone et** Deciza 30.09.2011 per Onor. Magistrat Dr. Audrey Demicoli; Numru 453/2009

sabiex iregga' lura dik ix-xhieda tieghu. Ried jaghti l-opportunita' lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu w b'hekk jevita li tigi kagunata xi hsara rreparabbli lil xi persuna jew anke lis-socjeta' in generali. Ta' min izid ma' dawn iz-zewg Artikoli tal-Kodici Kriminali, dak li jiddisponi il-Kap.12 fl-Artikolu 602 (1), maghmul applikabbli ghall-procedimenti kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9, fejn xhud, f'kull zmien qabel l-eghluq tassmigh tal-kawza, jkun jixtieq jaghmel xi zieda jew korrezzjoni ghal dak li jkun xehed qabel, u l-Qorti tippermetti tali zieda jew korrezzjoni. Dawn huma tlett Artikoli tal-Ligi li kjarament juru li din id-duttrina ta'ritrattazzjoni kienet f'mohh illegislatur. Din tar-ritrattazzjoni, fil-fatt, hija incentiva li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta'haddiehor u sabiex ukoll l-istess xhud ikollu mohhu mistrieh li l-ligi qed tipproteggih billi jibbenefika minn din irritrattazzjoni tieghu li twassal ghan-newtralizzazzjoni tar-reat ta' spergur. Dan hu ezattament l-iskop wara din id-duttrina, cioe' li tigi zvelata l-verita' li hu wkoll l-iskop ta' kull process kriminali, li bniedem li x-xhieda falza tieghu tista' twassal ghal xi decizjoni hazina, jkun f'posizzjoni li jirrimedja ghal tali sitwazzjoni qabel ma jkun tard wisq. L-effett ta' din l-incentiva hu li tigi eliminata l-possibilita' li l-gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rreversibbli lil xi hadd.

Issa pero', mhux kull tip ta' ritrattazzjoni hija accettabbli fis-sens li din dejjem tibbenefika lix-xhud li jregga lura mix-xhieda falza tieghu. Hemm certi rekwiziti li jridu jigu sodisfatti sabiex din il-linja difensjonali tirnexxi. Ta'min ifakkar li kif jirrizulta mill-gurisprudenza, l-effett tar-ritrattazzjoni hu li din tinnewtralizza
ghall-kollox ir-reat ta' spergur. Assumendo li jezistu r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, l-effett taghha hu li min ikun xehed falz u volontarjament iregga' lura dik ix-xhieda falza tieghu fil-mument opportun, hu jkun ezonerat minn kull responsabilita' kriminali. U dan hu propju l-incentiv li taghti l-ligi lil kull min jirritratta lura minn xi xhieda falza li jkun ta, purche' huma sodisfatti r-rekwiziti mehtiega. Dan hu incentiv intiz biex iwassal lix-xhud biex jerga' jahsibha, jiddispjacih minn dik ix-xhieda falza li jkun ta, u jasal jghid il-verita' minghajr ma jinkorri f'responsabilita' kriminali. Hu l-premju li l-ligi taghti lil dak ix-xhud talli ghen u ta l-kontribut tieghu siewi sabiex issir gustizzja jew sabiex ma ssirx ingustizzja in bazi ta' xhieda falza.

Issa sabiex tali '**retraction**' tinnewtralizza d-delitt ta'spergur, hu ovvju li tali ritrattazzjoni necessarjament ghandha **issir qabel ma l-proceduri kriminali jkun gew decizi**. Dan ghaliex ritrattazzjoni hija intiza biex twassal ghal xi beneficcju, kif intqal qabel, anzi ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Issa jekk din issir wara li l-proceduri kriminali jkunu intemmu w gja' hemm decizjoni, allura dik ir-ritrattazzjoni ma tiswa xejn u ma tibbenefika lill-hadd. Ix-xhud li jregga lura x-xhieda falza tieghu f'dak l-istadju tardiv, ghalhekk, jibqa' kriminalment responsabbli ghad delitt ta'spergur. Fil-fatt, gie ritenut li sakemm ikunu ghadhom ma spiccawx il-proceduri kriminali, u allura hemm dejjem ilpossibilita' li xhud jista' jregga lura x-xhieda falza tieghu, dan id-delitt ta'spergur jimmatura jew jigi kunsmat **biss** fil-mument meta ma jkunx aktar possibbli li jerga' jissejjah dak ix-xhud, fil-mument li dawk il-proceduri jkunu intemmu, u ghalhekk, ma jkunx ghad baqa' l-possibilita' li xhud jirritratta. Filfatt il-**Pessina** (Elementi di Diritto Penale, Vol. 7, p.730) jghid hekk : " *Il testimonio il quale facesse una testimonianza falsa, ancorche', cio' avvenga nel corso del giudizio, ritrattandosi prima che si chiudesse il dibattimento, non sarebbe soggetto ad azione penale per falsa testimonianza siccome fino a tale momento si tratta di un conato che vien esente da pena per il sopraggiunto pentimento del colpevole*."

Issa apparti dan ir-rekwizit li r-ritrattazzjoni trid issir qabel ma jigu terminati l-proceduri kriminali, ix-xhud li jiddispjacih u jregga' lura ix-xhieda falza tieghu, irid jaghmel hekk b'mod **volontarju**, cioe' ma jigi mgieghel jew kostrett minn hadd. Mhux essenzjali li jaghmel hekk b'mod spontaneu ukoll. L-awturi u gurisprudenza jghidu li jkun bizzejjed li x-xhud jiddeciedi li jmur lura mix-xhieda falza tieghu volontarjament, ghaliex hekk irid hu. Fil-fatt, gie ritenut li xhud ghandu kull dritt li jregga' lura dak li jkun qal u b'hekk jinnewtralizza l-ispergur, basta li jaghmel hekk fil-kors tal-proceduri w qabel ma dawn jispiccaw. Il-Professur Mamo filwaqt li jirreferi ghad-diskrezzjoni tal-Qorti, fuq imsemmija, rizultanti mill-

Kap. 12, li tregga' lura lix-xhud li jkun qed ihawwad billi twissih li jista' jigi arrestat, jinzamm appartat, eccetera, jghid li ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawn ix-xhud jiddeciedi li jregga' lura x-xhieda tieghu, tali ritrattazzjoni xorta tibqa' wahda volontarja li tinnewtralizza d-delitt ta'spergur.

Issa apparti li r-ritrattazzjoni trid tkun wahda volontarja u maghmulha qabel ma jispiccaw il-proceduri, huwa essenzjali wkoll li din tkun **esplicita**, **kompleta** w **inkondizzjonata**. Dan kif jghid il-Manzini (Manuale di Diritto Penale, Vol 5. Para. 1671, at p. 789). …..

Pero', qabel kollox ghandu jigi kkjarat u puntwalizzat ghal darb'ohra li din id-duttrina tar-"**retraction**" tapplika **biss** ghar-rigward ir-reat ta'spergur taht l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9, u ma tapplikax ghar-rigward ir-reat ta'gurament falz taht l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Dan hu hekk anke logikament. Huma biss l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105 li jitkellmu fuq proceduri kriminali pendenti li matulhom issir it-testimonjanza falza. <u>Hu ovvju ghalhekk, li r-"**retraction**" tista' issir biss waqt li tali proceduri kriminali ghadhom ghaddejjin biex jigi evitat xi dannu jew hsara rreparabbli</u>. Fir-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1), dak tal-gurament falz, ghad ma hemmx l-istadju tal-proceduri kriminali in ezistenza, u ghalhekk, gja' la darba hu wiehed mirrekwiziti essenzjali tar-"**retraction**" li din issir waqt proceduri kriminali w qabel ma dawn jigu decizi, allura, isegwi logikament li din id-duttrina ta' "**retraction**" ma tistghax tapplika f'dawk il-kazijiet li jinkwadraw ruhom fl-imsemmi dispost ta' dan l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Ir-"**retraction**" ma tapplikax, per ezempju, fil-kaz ta'gurament falz mehud waqt xi Inkjesta Magisterjali.[sottolinejar tal-Qorti]……

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hi dik ravvizata bl-artikolu 106(3) tal-Kodici Kriminali u cioe`:

Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun <u>meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili</u> f 'Malta, …

Illi mhemmx dubbju li l-imputat kien jaf li l-affidavit maghmul minnu kien mehtieg jew mahsub sabiex Degabriele jigbor flejjes pretizi minnu minghand is-socjeta` kwerelanta. Tant hu hekk li kienu marru ghand l-avukat ta' Degabriele qabel ma marru jahilfu l-affidavit il-Qorti. Dan jinghad peress li l-affidavit jirrizulta li sar f'Lulju, 2012 izda l-kawza giet istitwita f' Novembru, 2012, u sabiex jimmaterjalizza r-reat prospettat bl-artikolu 106(3) jinhtieg jigi pruvat ukoll li l-awtur ta' dan id-delitt irid ikun jaf bil-ghan li ghalih ikun sar dak l-affidavit.

Mhemmx dubbju li meta l-imputat ta x-xhieda tieghu, u dan wara hafna li kien wera l-interess tieghu li jaghmel dan mal-istess socjeta` kwerelanti, il-proceduri civili kienu, u ghadhom, <u>pendenti</u>. Lanqas ma hemm dubbju li r- ritrattazzjoni tieghu saret <u>b'mod volontarju</u> filwaqt li kienet ukoll wahda esplicita, kompleta w inkondizzjonata. <u>Saret f'waqtha</u>, fi zmien meta d-danni li setghet ggarrab is-socjeta` kwerelanta,

permezz tal-affidavit inveritjier maghmul minnu precedentment, jistghu jigu evitati.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tilqa' t-talba tad-difiza li tigi applikata l-linja difensjonali tar-*ritrattazzjoni* ghaliex il-fatti li jirrizultaw jinkwadraw ruhom kollha fl-enuncjazzjoni ta' din id-duttrina fuq esposta. Hu minnu li f'dan il-kaz jissussistu r-rekwiziti essenzjali kollha biex tigi applikata din id-duttrina tar- *ritrattazzjoni,* u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din it-tieni imputazzjoni hekk kif nnewtralizza id-dikjarazzjoni inveritjiera maghmula fl-affidavit minn tieghu. Jekk jezisti reat fejn ghandha issib applikazzjoni din id-duttrina hu precizament f'dan il-kaz, fejn minkejja li sar affidavit mehtieg jew mahsub ghal proceduri civili, fil-mori ta' dawk il-proceduri, min halef il-falz wasal biex ghamel ritrattazzjoni!

Illi rigward it-tielet imputazzjoni, ghalkemm jidher li dan kien kap alternattiv ghat-tieni imputazzjoni, kif gja ntqal l-Avukat Generali naqas milli jindika l-artikolu rilevanti u ghalhekk ma tista qatt tinstab htija fuq din l-imputazzjoni. Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Michael Carter** (07/12/2001), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Il-Qorti ghalhekk hija marbuta b'dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati lilha fin-nota ta' rinviju u xejn iktar u kwindi l-Qorti tista' issib htija biss ghal dak indikat lilha f'dina in-nota.[32]

[32] App. Krim. **Il-Pulizija vs. Peter Borg** [10.11.2005]: *"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim* ***Il-Pulizija vs. Omissis u Carmelo Agius*** *[24.5.2002];* ***Il-Pulizija vs. Emmanuel Camileri et*** *[23.11.2001];* ***Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et*** *[20.3.2003];* ***Il-Pulizija vs. Michael Carter*** *7.12.2001] u ohrajn.) Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill-appellat kif ghamlet".* Vide wkoll **Il-Pulizija vs Joseph Cauchi** [07.02.2013]; - Qorti tal-Magistrati(Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Saliba** [20.10.2010]

Illi fir-rigward tar-raba imputazzjoni gja saret riferenza ghall-fatt li l-artikolu indikat mill-Avukat Generali u cioe` dak tal-artikolu 188(2) tal-Kodici Kriminali ma japplikax peress li dan isib applikazzjoni kemm il-darba id-dokument kontenenti dikjarazzjoni falza ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika. Issa f'dan il-kaz mhemmx dubbju li kien l-artikolu 188(1) tal-Kodici li jsib applikazzjoni tenut kont li d-dikjarazzjoni falza saret lil Qorti, awtorita pubblika, izda dan l-artikolu baqa' ma giex citat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

Gie citat ukoll mill-Avukat Generali l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali izda dan l-artikolu citat jitkellem dwar il-falz materjali meta il-fattispeci tal-kaz jirrigwardaw il-falz ideologiku; falz ravvizat bl-artikolu 188.
Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 il-Qorti tal-Appell Kriminali iddistingwiet bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

**"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx lawtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm iddokument ikun genwin *"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*.**

Fuq dan l-insenjament l-imputat qed jigi liberat mir-raba imputazzjoni.

Illi giet esebita sentenza moghtija fi-konfront tal-imputat li fiha jirrizultaw il-konnotati tal-imputat.[33] Ghalhekk l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement ppruvat ukoll.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni in-natura tal-akkuza li qed tinstab htija dwarha, il-fedina penali xejn felici tal-imputat minn fejn jirrizulta li gja qed jiskonta piena ta' prigunerija fit-tul u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment ta-kowoperazzjoni tieghu hekk malli gie interrogat u tar-rieda tieghu li

[33] Fol.57 et seq.

jindirizza l-hsara li setghet ssir lill-parte leza kieku ma kienx hemm ir-ritrattazzjoni tieghu.

Gie kkunsidrat il-fatt li sa minn qabel ma gew istitwiti l-proceduri civili f'Novembru, 2012, hu kien gja wera l-kowoperazzjoni tieghu mal-pulizija peress li l-istqarrija tieghu ittiehdet f'Settembru, 2012, xahrejn wara li ghamel l-affidavit.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 42(1)(d), 49, 50, 308 u 310(1)(a) [34] tal-Kapitolu IX tal- Ligijiet ta' Malta, filwaqt issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament fit-tentattiv tal-frodi, tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundannah ghal ghaxar xhur prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Illi fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il-proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru r-reati kkontemplati fl-artikoli 103, 106, 111, 308, 309 u 310, tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan senjatament fil-konfront ta' Martin Degabriele, detentur tal-karta tal-identita` numru 226254M.

Il-Qorti tordna li kopja tax-xhieda tal-imputat fil-proceduri civili flimkien mal-istqarrija tieghu kif ukoll ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet kif ordnat.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[34] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn tlettax il-xahar u seba snin prigunerija.